

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 211

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

8 ta' Awwissu 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 718/2012 tas-7 ta' Awwissu 2012 li jemenda għall-174 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida** 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 719/2012 tas-7 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 720/2012 tas-7 ta' Awwissu 2012 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012 5

DEĊIŻJONIJIET

2012/465/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Awwissu 2012 dwar l-adattament tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Awwissu tal-2010, mill-1 ta' Settembru tal-2010, mill-1 ta' Ottubru tal-2010, mill-1 ta' Novembru tal-2010, mill-1 ta' Diċembru tal-2010, mill-1 ta' Jannar tal-2011, mill-1 ta' Frar tal-2011, mill-1 ta' Marzu tal-2011, mill-1 ta' April tal-2011, mill-1 ta' Mejju tal-2011 u mill-1 ta' Ġunju tal-2011 għar-rimunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jwettqu dmirijietom fil-pajjiżi terzi** 7

Prezz: EUR 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 718/2012

tas-7 ta' Awwissu 2012

li jemenda għall-174 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a), 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fis-26 ta' Lulju 2012, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li

jneħħi persuna fiżika mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.

- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2012.

*Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,*

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, huwa emendat b'dan li ġejj:

L-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha titħassar:

"Bekkay Harrach (alias (a) Abu Talha al Maghrabi, (b) al Hafidh Abu Talha der Deutsche ('al Hafidh Abu Talha l-Ġermaniż')). Data tat-twelid: 4.9.1977. Post tat-twelid: Berkane, il-Marokk. Nazżjonalità: Ġermaniż. Numru tal-passaport: 5208116575 (passaport Ġermaniż maħruġ f'Bonn, il-Ġermanja, validu sas-7.9.2013). Numru tal-identifikazzjoni nazżjonali: (a) 5209243072 (Bundespersonalausweis Ġermaniż (karta tal-identità nazżjonali), maħruġa f'Bonn, il-Ġermanja, valida sas-7.9.2013, (b) J17001W6Z12 (liċenzja tas-sewqan Ġermaniża, maħruġa f'Bonn, il-Ġermanja). Data tal-klassifikazzjoni msemija fl-Artikolu 2a(4)(b): 27.5.2009. Tagħrif ieħor: Huwa meqjus li kien fiż-żona tal-fruntiera ta' bejn l-Afganistan/Pakistan f'April 2009."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 719/2012**tas-7 ta' Awwissu 2012****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2012.

*Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	TR	54,9
	XS	32,3
	ZZ	43,6
0707 00 05	TR	100,7
	ZZ	100,7
0709 93 10	TR	105,8
	ZZ	105,8
0805 50 10	AR	96,8
	TR	92,0
	UY	94,8
	ZA	99,0
	ZZ	95,7
0806 10 10	CL	226,1
	EG	229,0
	IL	138,6
	MA	159,3
	MX	186,3
	TN	203,8
	TR	138,3
	ZZ	183,1
0808 10 80	AR	165,0
	BR	86,0
	CL	120,9
	NZ	123,4
	US	161,5
	ZA	102,7
0808 30 90	ZZ	126,6
	AR	129,0
	CL	164,3
	NZ	165,5
	TR	130,9
	ZA	104,0
0809 29 00	ZZ	138,7
	CA	627,1
	TR	434,9
0809 30	ZZ	531,0
	TR	166,0
0809 40 05	ZZ	166,0
	BA	62,3
	IL	69,8
	MK	70,3
	ZZ	67,5

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 720/2012

tas-7 ta' Awwissu 2012

li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [Regolament dwar l-OKS Unika] ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2011/2012 ġew stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 971/2011 ⁽³⁾. Dawn il-prezzijiet u dazji ġew modifikati l-aħħar bir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2012 ⁽⁴⁾.

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha llum, twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006.

- (3) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika malajr kemm jista' jkun wara li tkun disponibbli d-dejta aġġornata, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012, huma b'dan immodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2012.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 254, 30.9.2011, p. 12.

⁽⁴⁾ ĠU L 202, 28.7.2012, p. 15.

ANNEX

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-8 ta' Awwissu 2012

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 12 10 ⁽¹⁾	40,90	0,00
1701 12 90 ⁽¹⁾	40,90	2,34
1701 13 10 ⁽¹⁾	40,90	0,00
1701 13 90 ⁽¹⁾	40,90	2,63
1701 14 10 ⁽¹⁾	40,90	0,00
1701 14 90 ⁽¹⁾	40,90	2,63
1701 91 00 ⁽²⁾	50,30	2,38
1701 99 10 ⁽²⁾	50,30	0,00
1701 99 90 ⁽²⁾	50,30	0,00
1702 90 95 ⁽³⁾	0,50	0,22

⁽¹⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽²⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽³⁾ Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Awwissu 2012

dwar l-adattament tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Awwissu tal-2010, mill-1 ta' Settembru tal-2010, mill-1 ta' Ottubru tal-2010, mill-1 ta' Novembru tal-2010, mill-1 ta' Diċembru tal-2010, mill-1 ta' Jannar tal-2011, mill-1 ta' Frar tal-2011, mill-1 ta' Marzu tal-2011, mill-1 ta' April tal-2011, mill-1 ta' Mejju tal-2011 u mill-1 ta' Ġunju tal-2011 għar-rimunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jwettqu dmirijietom fil-pajjiżi terzi

(2012/465/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 336 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u s-sistema applikabbli għal impjegati oħrajn ta' dawn il-Komunitajiet, stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2), tal-Anness X tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 964/2011 ⁽²⁾ u bl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, ġew stabbiliti l-koeffiċjenti korrettivi li mill-1 ta' Lulju 2010, jaffettwaw ir-rimunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jaqdu dmirijietom fil-pajjiżi terzi, imħallsin fil-valuta tal-pajjiż fejn dawn ikunu ġew assenjati.
- (2) B'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, hemm bżonn li, mill-1 ta' Awwissu tal-2010, mill-1 ta' Settembru tal-2010, mill-1 ta' Ottubru tal-2010, mill-1 ta' Novembru tal-2010, mill-1 ta' Diċembru tal-2010, mill-1 ta' Jannar tal-2011, mill-1 ta' Frar tal-2011, mill-1 ta' Marzu tal-2011, mill-1 ta' April tal-2011, mill-1 ta' Mejju tal-2011, u mill-1 ta' Ġunju tal-2011, uħud minn dawn il-koeffiċjenti korrettivi jiġi adattati peress li, skont l-informazzjoni statistika li għandha l-Kummissjoni, id-differenza tal-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skont il-koeffiċjent korrettiv u tar-rata tal-kambju korrispondenti, irriżultat, għal ċerti pajjiżi terzi, oġhla minn 5 % mill-aħħar darba li dawn il-koeffiċjenti ġew iffissati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għar-rimunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jaqdu dmirijietom fil-pajjiżi terzi, u li huma mħallsin fil-valuta tal-pajjiż fejn ikunu ġew assenjati, huma adattati għal ċerti pajjiżi indikati fl-Anness. Dan l-Anness fih tnax-il tabella mensili li juru liema pajjiżi huma kkonċernati u liema huma d-dati suċċessivi tal-applikazzjoni għal kull wieħed minnhom.

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta' dawn ir-rimunerazzjonijiet huma stabbiliti f'konformità mar-regoli implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrespondu mad-dati differenti indikati fl-ewwel paragrafu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2012.

Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,
Catherine ASHTON
Viċi President

⁽¹⁾ ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 253, 29.9.2011, p. 1.

ANNEX

AWWISSU TAL-2010

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Awwissu tal-2010	Rati tal-kambju Awwissu tal-2010 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Awwissu tal-2010 (**)
L-Eġittu	4,398	7,40935	59,4
L-Eritrea	18,83	19,7388	95,4

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazzjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

SETTEMBRU TAL-2010

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Settembru tal-2010	Rati tal-kambju Settembru tal-2010 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Settembru tal-2010 (**)
L-Eritrea	19,78	19,4388	101,8
Is-Sudan	2,827	3,15356	89,6
Il-Venezwela	4,516	5,45421	82,8
Iż-Żambja	5 270	6 297,45	83,7

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazzjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

OTTUBRU TAL-2010

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Ottubru tal-2010	Rati tal-kambju Ottubru tal-2010 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Ottubru tal-2010 (**)
L-Eġittu	4,701	7,60410	61,8
L-Etjopja	16,15	22,2107	72,7
Haiti	50,97	55,0818	92,5
Il-Paragwaj	3 677	6 399,74	57,5
Is-Surinam	2,305	3,75000	61,5
Timor Leste	1,274	1,36110	93,6

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazzjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

NOVEMBRU TAL-2010

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Novembru tal-2010	Rati tal-kambju Novembru tal-2010 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Novembru tal-2010 (**)
L-Eritrea	21,80	21,4143	101,8
Il-Gana	1,359	2,00225	67,9
Il-Ginea (Conakry)	5 200	8 493,73	61,2

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Novembru tal-2010	Rati tal-kambju Novembru tal-2010 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Novembru tal-2010 (**)
Il-Venezwela	4,745	5,95110	79,7
Iż-Żambja	5 547	6 444,62	86,1

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazżjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

DIĊEMBRU TAL-2010

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Diċembru tal-2010	Rati tal-kambju Diċembru tal-2010 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Diċembru tal-2010 (**)
L-Angola	144,4	127,091	113,6
L-Eġittu	5,034	7,75680	64,9
In-Nepal	79,72	98,9700	80,5
Sjerra Leone	5 458	5 730,45	95,2
Is-Sudan	3,010	3,33921	90,1

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazżjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

JANNAR TAL-2011

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Jannar tal-2011	Rati tal-kambju Jannar tal-2011 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Jannar tal-2011 (**)
L-Eritrea	23,16	20,2338	114,5
Il-Gana	1,427	1,87210	76,2
Il-Pakistan	57,86	114,090	50,7
Is-Sudan	3,186	3,48053	91,5
Iż-Żambja	5 852	6 178,44	94,7

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazżjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

FRAR TAL-2011

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Frar tal-2011	Rati tal-kambju Frar tal-2011 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Frar tal-2011 (**)
L-Armenja	397,0	497,460	79,8
L-Etjopja	17,59	22,7406	77,4
Il-Gana	1,564	1,99590	78,4
Il-Ginea (Conakry)	5 487	8 205,25	66,9
Il-Kosovo	0,6410	1,00000	64,1
Il-Malawi	179,1	205,194	87,3
Il-Możambik	31,72	43,9700	72,1

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Frar tal-2011	Rati tal-kambju Frar tal-2011 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Frar tal-2011 (**)
L-Użbekistan	1 151	2 263,30	50,9
Is-Serbja	74,80	104,558	71,5
Is-Surinam	2,454	4,59285	53,4
It-Taġikistan	4,004	6,03651	66,3
Il-Venezwela	4,984	5,88797	84,6

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazzjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

MARZU TAL-2011

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Marzu tal-2011	Rati tal-kambju Marzu tal-2011 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Marzu tal-2011 (**)
L-Arabja Sawdija	3,427	5,09730	67,2
Il-Belarus	2 793	4 099,94	68,1
Haiti	47,71	55,5912	85,8
Il-Liberja	USD 1,398	USD 1,37620	101,6
Kongo, Repubblika Demokratika ta' (Kinshasa)	USD 1,898	USD 1,37620	137,9
Timor Leste	USD 1,361	USD 1,37620	98,9

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazzjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

APRIL TAL-2011

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi April tal-2011	Rati tal-kambju April tal-2011 (*)	Koeffiċjenti korrettivi April tal-2011 (**)
L-Azerbajġan	1,151	1,11762	103,0
Il-Barbados	3,130	2,83209	110,5
Ir-Russja	43,08	40,2462	107,0
Is-Surinam	2,609	4,57925	57,0
L-Ukrajna	8,031	11,2355	71,5
Il-Vjetnam	14 537	29 444,6	49,4

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazzjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

MEJJU TAL-2011

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Mejju tal-2011	Rati tal-kambju Mejju tal-2011 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Mejju tal-2011 (**)
L-Arġentina	3,496	6,03921	57,9
Il-Belarus	2 955	4 444,18	66,5

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Mejju tal-2011	Rati tal-kambju Mejju tal-2011 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Mejju tal-2011 (**)
L-Etjopja	18,75	24,6099	76,2
Il-Kenja	87,48	122,669	71,3

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazżjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

ĠUNJU TAL-2011

Post tax-xogħol	Paritajiet ekonomiċi Ġunju tal-2011	Rati tal-kambju Ġunju tal-2011 (*)	Koeffiċjenti korrettivi Ġunju tal-2011 (**)
Il-Gana	1,664	2,14365	77,6
Il-Ginea (Conakry)	5 787	9 426,41	61,4
Il-Laos	9 103	11 273,5	80,7
In-Nikaragwa	17,64	31,8675	55,4
L-Użbekistan	1 212	2 428,78	49,9
Is-Serbja	78,61	97,3302	80,8
Is-Sudan	3,359	4,00271	83,9
It-Tajlandja	34,07	43,2870	78,7
Il-Venezwela	5,380	6,12932	87,8
Il-Jemen	213,9	305,135	70,1

(*) 1 EURO = x unitajiet tal-valuta nazżjonali, minbarra l-USD għal dawn il-pajjiżi: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, il-Panama, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste.

(**) Brussell = 100.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

